

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2006

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004

(2006/830/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6-0093/2006),
 - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar it-twaqqif ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni ta' l-Ambjent ⁽⁴⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0098/2006),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004;
 2. Jistipula l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tiffirma parti integrali minnha lid-Direttur eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jordna l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

Josep BORRELL FONTELLES

Is-Segretarju Ġenerali

Julian PRIESTLEY

⁽¹⁾ ĠU C 269, 28.10.2005, p. 13.⁽²⁾ ĠU C 332, 28.12.2005, p. 37.⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1641/2003 (ĠU L 245, 29.9.2005, p. 1).⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).